fi-Ingilterra u tiddeskrivi l-ħajja ta' l-aqwa persunaġġi f'raħal ċkejken; fih episodji karatteristiċi u oħrajn li għandhom xejra Dickensjana e.g. dik il-festa fid-dar kbira ta' l-*Esquire* tal-post, nhar il-Milied.

Is-siwi tal-ktieb hu d-deskrizzjoni metikuluża ta' nies u drawwiet li wieħed isib tqal wisq biex jaqlibhom f'ilsien ieħor, iżda Patri Dijonisju wera għaqal u dehen u sengħa mhux ordinarji fit-traduzzjoni mill-Ingliż għall-Malti, ta' xeni, sitwazzjonijiet u termini.

Il-ktieb hu mfassal f'għamla Ingliża u kien jitlef mill-interess fost il-qarrejja Maltin kieku ma kienx tradott tajjeb; imma t-traduttur inqeda b'sistema li rnexxiet ħafna biex bla ma jitbiegħed mill-oriġinal jagħti forma li tissodisfa lill-qarrejja Maltin. Ħafna paragrafi jew sentenzi ma setgħux jinqalbu fil-Malti idjomatku, iżda kienu mfissrin tajjeb bl-ilsien tagħna.

'L hinn u 'l hawn wieħed jiltaqa' ma' xi żbalji li qatt ma jonqsu, iżda l-aktar li jolqot lill-qarrej huma l-Kap VII u l-Kap VIII li fil-bidu tagħhom huma ripetizzjoni ta' xulxin għalkemm mhux ripetizzjoni perfetta. Dan aktarx ġej mill-fatt li t-traduttur kellu żewġ manuskritti li thalltulu flimkien. Mill-bqija ta' min ifaħħar lill-P. Mintoff għal din il-biċċa xogħol li qabad, jiġifieri li jaqleb fil-Malti kotba magħrufin stranieri u hekk jagħti lill-qarrejja Maltin ħjiel ta' l-opri barranin. Nittamaw li hu jibqa' sejjer f'din il-ħidma siewja tiegħu u li jkollu suċċess.

G.

—— o ——

KOTBA LI RĊEVEJNA GĦAL-LIBRERIJA

IR-RUŻARJU — Lulju-Settembru, 1964 — Vol. XVI — No. 2.
IR-RUŻARJU — Ottubru-Diċembru, 1964 — Vol. XVI — Nos. 3 & 4.
IR-RUŻARJU — Jannar-Frar, 1965 — Vol. XVIII — No. 1.
MA' ĠESÙ FL-AĦĦAR JUM TA' ĦAJTU — Poema Bijografiku — Manuel Nicholas Borg. Tip — "Borghese" Melbourne, Australia — 1964.

Library of Congress — Washington D.C., U.S.A.

KITAB TABIQAT AL-SUFIYYA — Al-Sulami — 1960.
PRE-MUGHAL PERSIAN IN HINDUSTANI — Shams u 'l Ulma Al-Haj.
ELEMENTARY HEBREW — E. LeLslie Carlson, A.M.Th.D. — 1956.
MODERN PERSIAN — John Mace — 1963.
MODERN PERSIAN READER. I Elementary.
MODERN PERSIAN READER. II. Intermediate.
MODERN PERSIAN READER. III. Advanced — 1964. By M. Farzan, M. Ali Jazayery, Herbert H. Paper, Mark J. Desden.

WERREJ TAS-SENA 1964

Abela, Rev. Ġużi
Isbaħ Minnha ... ... faċċ. 5
Riflessjoni ... ... „ 111
Nawfraġju ... ... „ 111

Agius, Mario
Salvu Mifsud, ħabib kbir tal-Malti ... ... „ 113

Apap, Kan. M. Anġ.
Lill-Mitħna tar-Riħ ... ... „ 81

Aquilina, Pawlu
Inti mifdija wkoll ... ... „ 115

Attard Montalto, Giuseppina
Prexilla ... ... „ 36

Azzopardi, Ġer.
Carlucciello ... ... „ 79

Borg, Ġorġ
Sena Ġdida ... ... „ 75

Borg Pantalleresco, Ġ., P.L.
Xewqat ... ... „ 23

Buttigieg, Anton, B.A., LL.D., M.P.
Meta Nqum ... ... „ 5
Epigrammi ... ... „ 115

Camilleri, Dun Frans
Id-Dielja ... ... „ 12
Allat tal-Ġebel ... ... „ 45
Iżjed mill-Għoli ... ... „ 105

Cardona, Ġużè, B.A. (Hons.)
Lill-Prof. Ġużè Galea fostna ... ... „ 112

Cremona, A., D.Lit.
Meta l-Mara Tibqa' Tmieri 13, 48
Ma Nimitawx Iżżejjed ... ... „ 33
Monumenti f'Ġonna Pubbliċi ... ... „ 97

Cremona, Patri Ġużeppi, O.F.M.
Dehra ... ... „ 44
Il-Mewt ta' Lakoonte ... ... „ 76

Degabriele, Rev. Norbert M., O.Carm.
Jiena ... ... „ 55

Dimech Debono, Ġużè
Mikiel Anton Vassalli ... ... „ 77

Editur ... ... „ 3
Akkademja tal-Malti ... ... „ 6
Ftit tal-Kummenti ... ... „ 21
Patri Ġ. Meilak, S.J. ... ... „ 65
L-Indipendenza ... ... „